

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## RAKKOMANDAZZJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-9 ta' Diċembru 2011

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank**

**(BĊE/2011/22)**

(2011/C 367/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 27.1,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank se jspicċa wara l-verifika għas-sena finanzjarja 2011. Jinħtieġ għalhekk li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2012.

- (3) Id-De Nederlandsche Bank għażel lil Deloitte Accountants BV bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2012 sal-2018,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rikkmandat li Deloitte Accountants BV għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2012 sal-2018.

Magħmul fi Frankfurt am Main, id-9 ta' Diċembru 2011.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI